**Kunsill Lokali Birgu**

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166

e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

---

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Birgu

## Laqgħa Nru. 21(07)/2016

Data: 30 ta` Awwissu 2016

Hin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali Birgu, Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu

---

Preżenti:
***Is-Sur John Boxall*** – *Sindku*
***Is-Sur Trevor Mizzi*** – *Viċi Sindku*
***Is-Sur Anton Gellel*** – *Kunsillier*
***Is-Sur Lawrence Attard*** – *Kunsillier*
***Is-Sur Eman Zerafa*** – *Kunsillier*
***Is-Sjra Lara Mascena*** – *Deputat Segretarju Eżekuttiv*

---

**AĠENDA**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha 20(07);
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Jum il-Birgu 2016;
5. Birgufest 2016;
6. Il-Bust tal-Monsinjur Dun Guzepp Caruana;
7. Sejha ta` Kwotazzjoni ta` Tlugh u Inzul tal-Bandiera fuq il-Mina l-Kbira
8. Bye Law fuq reklamar ta` ghamara fit-toroq
9. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
10. Aġġornament.

## Talba

Is- Sindku qal it-talba u ta bidu ghall- Laqgha numru 21(07).

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Nru 20(07) u tal-Kontinwazzjoni Nru 20(07)fejn gew approvati bi qbil unanimu.

### 2. Punti Mqajjma mill-Minuti

### 2.1 Zvilupp fuq il-qaghda finanzjarja tal-Kunsill

Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li kif jidher l-accountants il-godda qeghdin ga jahdmu biex din il-problema tittafa. Spjega li sar ftehim gdid sabiex l-aretrati li hemm tas-snin 2013 u 2015 tal-FS 5 jigu mhallsa fix-xahar. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li s-sistema ta` Sage Evolution giet installata fuq pc tal-Kunsill u fuq laptop tal-accountants u mill-jiem li gejjin ser jibda l-process biex jigu mputjati l-accountants ta` din is-sena u jigu rrangati dawk tas-sena 2015.

### 2.2 <u>Xoghlijiet tal-Learning Hub tal-Anzjani fil-Berga tal-Ingliterra.</u>

Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li xoghlijiet mxew sew u li jiem li gejjin ser issir it-tarag ta` din il-binja. Rigward il-lift, il-Kunsill gabar il-kwotazzjonijiet u ghaddiehom anke lis-Segretarjat tal-Onorevoli Dr. Justyne Caruana. Il-Kunsill bhalissa ghaddej mill-process li jgib stima ta` xoghlijiet ta` kostruzzjoni sabiex dan il-lift ikun jista` jigi nstallat.

## 2.3 Taghrif dwar il-bust tal-Monsinjur Dun Guzepp Caruana

Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li l-Kunsill nhar il-Gimgha 12 ta` Awwissu bghat ittra lil dawk in-nies kollha li huma mill-Birgu imma li m`ghadhomx residenti f`din il-lokalita. Kompla billi qal li rispons mhux dak mixtieq u imma ghadna lura sabiex dan il-bust ikun jista` jsir. Is-Sur Boxall kompla billi qal li somma migbura hija dik ta` madwar elf ewro. Il-xewqa u decizjoni tal-Kunsill, hija li dan il-bust isir minghajr ma johrog flus. Il-kunsillier is-Sur Anton Gellel qal li ghandha tinhareg stqarrija li dan il-bust mhux se jsir ghax ma ngabrux il-flus u dan ghal fatt li l-Kunsill ma sabx il-koperazzjoni minghand ir-residenti. Dwar dan is-Sindku, s-Sur John Boxall ma qabilx ghax dik kienet decizjoni tal-Kunsill, dan il-bust ghandhu jsir u akkost ta` kollox. Gie diskuss li ghandha tintbghat cirkulari fejn tghid li dan il-bust ser issir post iehor alernattiv minflok dak li kien diga` nstab fuq iz-zuntier tal-genb tal-Knisja ta` San Lawrenz. Dwar din id-decizjoni fejn ser issir il-bust, is-Sur John Boxall propona li dan il-bust ghandu jsir Couvre Porte fil-pjazetta l-ohra ta` fejn hemm in-nicca ta` Duluri, is-Sur Trevor Mizzi ssekonda ghal dan. Is-Sur Anton Gellel propona li dan il-bust ghandhu jsir minflok il-fanal ta` quddiem l-il-Knisja ta` Santa Skolastika ghal dan issekonda s-Sur Eman Zerafa. Dwar dan kellhu jittiehed vot. Is-Sur Gellel kompla billi talab li dan il-vot jittiehed vot sigriet. Is-Sindku qal li dan ma jistax jsir. Wara ttiehed il-vot, dawn gew tlieta favur li jsir Couvre Porte u tnejn favur li jsir quddiem il-Knisja ta` Santa Skolastika.

## 2.4 L-iskart tal-hwienet tal-ikel fil-Birgu.

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li wasal iz-zmien li ttiehed din id-decizjoni rigward il-kollezzjoni tal-iskart tal-hwienet tal-ikel, u li dan irrid issir bi hlas. Dan il-hlas ghandhu jsir fis-sena u jkoppri il-kollezzjoni ta` skart ta` sena shiha inkluz festi jew okazzjonijiet ohra. Gie deciz li ghandha tintalab laqgha mas-sidien tal-hwienet biex b`hekk jinholoq kompromess fuq dan. Gie deciz ukoll li l-Kunsill jiccekja mal-Awtoritajiet ikkoncernati jekk hemm xi ligi li tirregolariza din il-materja.

## 2.5 Il-progett tal-Glaziz

Is-Sindku informa lil dawk prezenti li sa` llum ghadhu ma rcieva xejn kkonkret minn naha tal-Kunsill Konsultattiv u kompla billi qal li wasal iz-zmien li tintbghat ittra lill-Onorevoli Ministru Dr Helena Dalli dwar dan il-progett li ghaddiet diga` sena u l-Kunsill ghadu minghajr risposta x`ser jigri u lanqas ghandhu artistic impression ta` dan il-progett. Is-Sindku kompla jghid li ma nisghtux ninsew dak il-progett li l-Kunsill kien ukoll idecieda unaniment li jsir, dak tal-paneli fotovoltaici f`din iz-zona. Jekk dan il-progett ta` Regjun Konsulatattiv ma jsirx, il-Kunsill ghandhu jmur ghall-progett l-iehor tal-paneli.

## 2.6 Jum Dinji tat-tfal – 20 ta` Novembru 2016

Dwar dan is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li ghal din il-gurnata ghandha ssir attivita u propona li din l-attivita ssir il-Foss. Matul din l-attivita jitqassmu l-kotba tal-Birgu li l-Kunsill kien ghamel apposta ghat-tfal fost attivitajiet ohra. Is-Sur Boxall talab l-ghajnuna tal-Kunsilliera sabiex din l-attivta titella`.

## 2.7 UIF Funds ghall-Kunsill Lokali tal-Birgu

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal li l-Kunsill irid jahseb fi progett sabiex juza tajjeb dawn il-fondi.

# 3. Korrispondenza

## 3.1 No objection ghall-attivita Walk Cycle Run b`risq id-Dar tal-Providenza

Mibughta ittra minn naha tal-RTK sabiex tinghatlhom no obejction mill-Kunsill biex ikunu jisghtu jtellu l-attivita bl-isem ***Walk Cycle Run*** b`risq id-Dar ta` Providenza, fejn il-muturi ser jitilqu mill-Pjazza tal-Belt Vittoriosa nhar il-Hadd 16 ta` Ottubru. Ghal din it-talba l-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni bil-kundizzjoni li l-organizatturi javzaw il-pulizija tad-distrett biex ghal dakinhar l-pjazza tkun kkontrollata mit-traffiku u jitnehha l-parkegg tan-nofs.

## 3.2 Skema dwar Inizjattivi ta` Attivitajiet Kulturali ghall-2016 (Memo 30/2015)

Il-Kunsill ircieva korrispondenza dwar it-talba li kien ghamel mal-Bord tal-Ghazla sabiex il-fondi mghoddija l-Kunsil biex jorganizza l-Birgufest 2016 jergghu jigu riveduti, fejn din ma tlaqitx u dan ghal fatt li jekk il-Kunsill tal-Birgu jiehu aktar fondi, dawn jitnaqqsu milll-fondi ta` Kunsilli ohra. Ghal din l-ittra l-Kunsill hass u bghat il-bord li dan mhux gust fejn l-attivita tal-Birgufest hija attivita bbazata fuq tlett ijiem u ta` rhula ohra ikunu fuq nofs ta` nhar biss u jiehdu ammont sostanzjali ta` flus.

## 3.3 *Play for Change* – attivita gewwa l-Birgu – Talba ghall-Kollaborazzjoni

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ircieva ittra minn naha tal-Youtheme Foundation fejn talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex tigi organizzata attivita nhar il-Gimgha 23 ta` Settembru mis-sitta ta` filghaxija sal-hdax ta` filghaxija gewwa Couvre Porte. L-ideja ta` din l-attivita hija li f`dawn iz-zewg pjazzez zghar titella` m uzika rilassanti, ikel maghmul minn ingredjenti mid-dinja tal-kummerc gust sabiex kemm iz-zghazagh u l-familji taghhom jqattu serata f`ambjent rilassanti. Ghal din it-talba, il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni u gie deciz li ma jintalab l-ebda hlas sabiex titella` din l-attivita.

## 3.4 Ir-raba konferenza tal-Borghi Piu Belli del Mediterraneo

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva stedina sabiex ghal darb`ohra jerga` jippartecipa ghal konferenza tal-Borghi Piu Belli del Mediterraneo li ser issir f`Cisternino bejn it-28 u 30 ta` Ottubru 2016. Ghal din il-konferenza huma mistiedna li jippartecipaw rapprezentant mill-Kunsill, gurnalist, zghazugh u chef mill-lokalita. Din il-korrispondenza ntbaghtet ukoll lill-Kunsill Lokali kollha ta` Malta u Ghawdex sabiex min huwa nteressat li jippartecipa jista` jaghmel dan. Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li ghal din il-konferenza ghandu jitla` l-Vici Sindku, s-Sur Trevor Mizzi, responsabbli minn dan il-progett flimkien ma` Sur Alvin Scicluna mill-kumpanija CVC Media bhala gurnalist u camera man, is-Sur Anthony Degiorgio, persuna mill-Birgu li ghamlet zmien tahdem fil-qasam tal-catering u jrid jinsab zghazugh mill-Birgu li jkun rapprezentant tajjeb ghal Belt Vittoriosa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u s-Sindku nforma lis-Segretarj Ezekuttiv biex taghmel kuntatt ma` dawn in-nies.

## 3.5 Attivita (Fund Raising) fuq is-Simenta fit-8 ta` Settembru 2016

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva ittra minn naha tal-Ghaqda Pirotenika 10 ta` Awwissu sabiex ikun jista` jinghatalhom permess sabiex itellu attivita nhar il-Hamis 8 ta` Settembru fuq is-Simenta. Ghal din it-talba l-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni bil-patt u l-kundizzjoni li wara l-attivita tigi mnaddfa sew iz-zona.

## 3.6 Hamiem selvagg fil-lokalita tal-Birgu

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu fil-korrispondenza tieghu mibughta lis-Sur Patrick Gauci bghat il-lista ta` toroq li l-aktar li gejjin ilmenti minghand ir-residenti dwar il-problema tal-hmieg ta` hamiem selvagg. F`dan l-istadju l-Kunsill Lokali tal-Birgu jrid jaghzel data u jinforma l-pulizija sabiex ikunu perezenti waqt l-attivita tal-culling. Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li jkun idejali li l-guranta tinstab meta tfal jerghgu jidhlu l-iskola biex issir waqt il-hinijiet ta` tard wara nofsinhar meta tfal ikunu migbura d-dar . L-ispejjez kollha relatati ma` din l-attivita jridu jithallsu mill-Kunsill.

## 3.7 Attivitajiet Kulturali ghal grupp ta` Diplomatici

Is-Sur Lawrence Attard, Kunsillier spjega x`se jigri waqt zjara li ser ssir mid-Diplomatici nhar is-Sibt 24 ta` Settembru meta ser izuru l-Belt tal-Birgu. Is-Sur Attard kompla billi qal li waqt laqgha li huwa attenda, gie konkluz l-progamm ghal din il-gurnata. Is-Sur Attard zied jghid li l-Kunsill minn naha tieghu jrid jiehu hsieb javza lill-ghaqdiet taz-zewg baned tal-lokal, lil boat builder (it-tunanu) u kif ukoll lill-Arcipriet sabiex ghal dakinhar jikkolaboraw mall-Kunsill billi jilqghu lil dawn in-nies fil-binijiet rispettivi taghhom.

## 3.8 <u>Gemellagg mal-Belt ta` Gatchina fir-Russja.</u>

Mibughta lista ta` dokumenti/informazzjoni li trid tintbghat lid-Dipartiment mis-Sur Silvio Frendo mid-DLG sabiex b`hekk jkun jista` jinbeda l-process ta` dan il-gemellagg. Dwar dan is-Sindku nforma lis-Segretarju Ezekuttiv biex tiehu hsieb tibghat id-dokumenti.

## 3.9 <u>Il-problemi ta` traffiku fil-lokalitajiet tal-Kottonera.</u>

Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi attenda ghall-laqgha li saret nahr il-Gimgha 26 ta` Awwissu fil-Kunsill Lokali tal-Kalkara dwar il-problemi ta` traffiku fil-lokalita tal-Birgu. Is-Sur Mizzi ddiskuta dawn il-punti: is-sitwazzjoni ta` traffiku fi Triq San Dwardu u Triq il-Kottonera matul il-hinijiet tal-iskola u kif ukoll meta jkun armat il-monti kull nhar ta` Tlieta, l-problema tat-traffiku fil-Pjazza tal-Belt Vittoriosa, fejn il-parkegg huwa wiehed bla kontroll. Is-Sur Mizzi spejga li waqt il-laqgha l-Spettur propona lill-Kunsill biex isejjah laqgha mall-isekejjel ikkoncernati bil-prezenza tal-Pulizija. Barra minn hekk rigward il-problema tal-parkegg tal-pjazza, l-Spettur issugerriexa li ghandha titwahhal camera bhal ma diga` kien hemm u saqsa ghalfejn il-camera li kien hemm din tnehhiet. Skond is-suggeriment tal-Spettur, is-Sindku propona li ghandha terga` ssir din il-camera. Is-Sur Attard ssekonda din il-proposa u dwar dan kien hemm qbil unanimu. Rigward it-talba li l-Kunsill kien ghamel mall-istess korp biex ikun hemm pulizija l-pjazza, Spettur qal li din hija ferm difficli. Waqt il-laqgha gie proponut li fin-nofs tal-pjazza matul il-hinijiet ta` filghodu (bejn is-7:30am u 10:30am) jsir parkegg temporanju ghad-delivery man. Is-Sur Mizzi qal li ghandha tintbghat ittra lill-hwienet dwar din id-decizjoni.

## 3.10 Tiswijiet ta` triq f`Sally Porte, il-Birgu

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu gie nfurmat minn naha tal-Ministeru ta` Transport u Infrastruttura li din it-triq li taghti f`Sally Porte (maghrufa ahjar bhala Toqba) ser issir bil-cold asphalt. Is-Sur Caruana nforma l-Kunsill li bhalissa supplier tal-materjal qeghdin  bis-shut down pero xoghol ippjanat li jsir dalwaqt. Barra minn hekk is-Sindku spjega li fiz-zmien tal-gvern precedenti, kien hemm applikazzjoni sabiex f`din it-triq issir progett u li kien gie approvat. Il-Kunsill ddiskuta li ghandhu jsir ftehim mall-Kunsill tal-Kalkara  biex napplikaw ghall-fondi tal-ERDF biex issir din it-triq. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3.11 Hsarat fil-Foss tal-Birgu

Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti dwar ittra mibught lid-Direttur tar-Restoration Unit, is-Sur Nobert Gatt dwar diversi hsarat li hemm fil-Foss tal-Birgu, liema gnien gie inawgurat ftit ta` xhur ilhu.  Is-Sur Boxall wera ritratti huwa stess personali ha lill-kunsilliera kollha tal-hsarat u traskuragni li hemm f`dan il-gnien; fosthom hsarat u ilma mahmug fil-funtana, l-irrigation pipes maghqluhin, dwal mqacctin u ma jixghelux. Is-Sur Boxall kompla billi qal li din l-istess korrispondenza ntbaghtet lis-Segretarju Parlamentari Dr. Stefan Buontempo, fejn l-istess Segretarju talab li ssir laqgha mieghu fil-prezenza tal-periti nhar il-Gimgha 9 ta` Settembru fit-8:30am. Ghal din il-laqgha s-Sindku talab li flimkien mieghu jattendi Kunsillier/a.

## 3.12 Laqgha tar-Regjun – 30 ta` Awwissu 2016

Mibughta l-minuti tal-laqgha numru 78 u kif ukoll l-agenda tal-laqgha li jmiss li ser issir nhar it-Tlieta 30 ta`  Awwissu 2016 fis-6.30pm. Is-Sur Attard spejga li ma setax jattendi ghal din il-laqgha minhabba l-fatt li fl-istess gurnata gie skedata laqgha tal-Kunsill. Is-Sur Boxall qal li mill-minuti li ntbaghtu hemm xi punti li xtaq jinforma bihom lill-Kunsill: dwar it-tahdiet li qed issiru dwar ir-riforma tar-regjuni u l-amenda tal-ligi biex tinaghata remunerazzjoni ghall-

attendenza tal-laqghat tar-Regjun. Ghal dan is-Sur Attard qal li huwa personali dejjem attenda ghal dawn il-laqghat barra f`kazi meta ma setghax minhabba xi impenji ohra tal-Kunsill; dwar il-League of Historic Cities Conference 2018, fejn il-President ta` Regjun gie mitlub mic-Chariman ta` din l-assocjazzjoni bix ir-Regjun jerga` jaghmel sottomissjoni ohra ghal laqgha tat-2020.

### 3.13 <u>Tabella bl-informazzjoni ghall-platform lift fil-Foss tal-Birgu</u>

Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill gie mitlub mill-perita Amanda Degiovanni numru ta` kuntatt li jista ` jintuza wara l-hinijiet tal-ufficcju tal-Kunsill f`kaz li jkun hemm bzonn ta` xi ghajnuna biex jintuza platform lift minghajr ebda hlas. Is-Sur Boxall kompla billi qal li dan mhux accettabbli u ghalhekk il-Kunsill hass li ghandhu jinforma lill-perita dwar dan.

## 4. <u>Jum il-Birgu 2016</u>

Dan is-suggett ser jigi diskuss fil-laqgha 21(07) Kontinwazzjoni ta` nhar il-Gimgha 2 ta` Settembru 2016.

## 5. Birgufest 2016

Dan is-suggett ser jigi diskuss fil-laqgha 21(07) Kontinwazzjoni ta` nhar il-Gimgha 2 ta` Settembru 2016.

## 6. <u>Il-Bust tal-Monsinjur Dun Guzepp Caruana</u>

Dan il-punt gie diskuss f`punt numru 2.3

## 7.<u>Sejha ta` Kwotazzjonijiet ta` Tugh u Inzul tal-Bandiera fuq il-Mina l-Kbira</u>

Dan is-suggett ser jigi diskuss fil-laqgha 21(07) Kontinwazzjoni ta` nhar il-Gimgha 2 ta` Settembru 2016.

## 8. <u>Bye Law ta` reklamar fuq ghamara fit-toroq.</u>

Dwar dan is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill hareg l-avviz fuq il-gazzetti lokali u fuq dik tal-Gvern. Is-Sur Boxall propona li ghal kull reklam fit-triq ghandha tithallas is-somma ta` hamsin ewro fis-sena, ghal dan issekonda s-Sur Lawrence Attard. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku nforma lis-Segretajru Ezekuttiv biex titkellem mal-avukat tal-Kunsill sabiex jitkompla l-process sabiex din il-bye law tohrog fis-sehh.

## <u>Punti ohra mqajma waqt il-Laqgha</u>

Is-Sur Gellel qal li hemm bzonn jitnaddfu l-spralli tal-Birgu qabel ma jibda l-istagun tax-xitwa. Dwar dan is-Sindku ha nota biex dawn issiru fil-gimghat li gejjin.

Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel staqsa x`ser issir minn Triq l-10 ta`Awwissu 258 ghax tinstab fi stat ta` abandun. Dwar dan is-Sindku nfurmah li diga` ntbaghtet ittra lid-Direttur ta` Restoration Unit biex din it-triq issirulha xoghlijiet mehtiega kollha.

Is-Sur Boxall qal li l-Kunsill ircieva ittra minghand Alf.Mizzi & Sons dwar l-Arlogg tal-Birgu, fejn wara li semmghu l-intervista li s-Sindku tah fuq l-istazzjon ta` TVM, hassewhom xi ftit umiljati b`dak li ntqal. Is-Sindku kompla jghid li huwa spjega lis-Sur Julian Sammut li dak li ntwera fuq it-tv kien bicca mill-intervista li saritlu u ghalhekk il-kuncett komplut ta` diskors tieghu gie mifthiem hazin. Dan kollhu gara wkoll kawza tal-ilmenti tan-nies vis a vi Alf Mizzi & Sons li kienu ser jisponsorjaw parti tajba mill-ispejjez ghall-bini ta` dan l-Arlogg. Is-Sur Gellel qal li nies trid titghallem u jridu jifhmu l-progett holistiku ta` dan il-progett u b`hekk referendum ma jkun hemm bzonn li jsir.

## 9. Approvazzjoni tal-Pagamenti

Is- Sindku, is-Sur John Boxall, ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 3070-3120 barra cekkijiet no 3107 u 3111 li gew ikkancellati u HSBC cekk numru 9578. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata l-4 ta' Awwissu, 2016 sat-30 ta` Awwissu, 2016.

# 10. Aggornament

Il-Laqgha 21 (07) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ntemmet fit-8.15 pm (tmienja u kwart ta' filghaxija).

| | |
|---|---|
| Lara Mascena (iffirmati) | John Boxall (iffirmati) |
| Deputat Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

*Approvati llum 18 ta` Ottubru 2016*